MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2012

Numru 892/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**vs**

**Ousmane Djallo ta’ 28 sena, iben Mahamad Djallo u Mariam Suho, imwieled fl-1 ta’ Jannar, 1984 f’Bamako fil-Mali, numru tal-Pulizija 11E-157**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli April tas-sena 2012 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer, bhala persuna illi imbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-3 ta' Settembru, 2012-09-13;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u c-cirkostanzi principali li wasslu lill-imputat jikkommetti dan ir-reat fejn l-uniku skop teighu kien li jfittex future ahjar ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------